## Parroċċa Santa Marija - B'Kara
## Rendikont Finanzjarju għas-Sena 2014

| | |
|---|---|
| **Dħul:** | € |
| Ġbir fil-Knisja | 28,127.00 |
| Donazzjonijiet | 14,801.00 |
| Donazzjonijiet waqt it-tberik tal-familji | 4,273.00 |
| Attivitajiet ta' Fundraising | 694.00 |
| Dħul minn żwiġijiet u funerali | 3,195.00 |
| Interessi | 999.00 |
| Dħul ieħor | 3,423.00 |
| **Total Dħul** | **€55,512.00** |
| | |
| **Ħruġ:** | € |
| Imgħaxijiet | 484.00 |
| Spejjeż ta' awdituri | 256.00 |
| Kotba, Rivisti, Konferenzi u Seminars | 1,267.00 |
| Servizzi tas-saċerdoti | 120.00 |
| Servizzi ta' professjonisti | 311.00 |
| Fondo Clero | 14,268.00 |
| Rigali u għajnuna lill-persuni fil-bżonn | 826.00 |
| Spejjeż marbuta maċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija | 2,120.00 |
| Insurance | 335.00 |
| Restawr, manutenzjoni u xogħlijiet oħra | 6,221.00 |
| Attivitajiet soċjali | 598.00 |
| Stationery u Printing | 3,029.00 |
| Xiri ta' għamara u apparat | 373.00 |
| Telephone, Internet u Posta | 1,158.00 |
| Trasport | 624.00 |
| Ilma u Elettriku | 2,462.00 |
| Tindif taċ-ċentru parrokkjali u servizzi oħra | 785.00 |
| Taxxa | 886.00 |
| Spejjeż oħra | 1,308.00 |
| **Total Ħruġ** | **€37,431.00** |
| | |
| **Bilanċ** | **€18,081.00** |

## Ħinijiet tal-Quddies u tal-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**
*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***
*It-Tnejn u l-Erbgħa:*
4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail: parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org*

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*






PARROĊĊA SANTA MARIJA - BIRKIRKARA Mejju 2015

# Il-Kelma tal-Kappillan

Il-miġja tal-Ispirtu s-Santu, l-istess bħall-esperjenza tad-dehriet ta' Ġesù wara l-Qawmien, kienet esperjenza ta' fidi u ta' ferħ għall-preżenza mġedda ta' Ġesù wara l-mewt tiegħu, fil-komunità ta' dawk li tant kien iħobb.

Filwaqt li San Ġwann jgħidilna li kienu bil-bibien magħluqa, San Luqa jgħidilna li kienu lkoll flimkien f'post wieħed. Iż-żewġ espressjonijiet juru komunità mbeżżgħa u magħluqa fiha nfisha. Kull komunità li m'għandhiex l-Ispirtu ta' Ġesù bilfors tibża' quddiem il-kobor tal-missjoni u l-isfidi tad-dinja. Il-biża' ma jħallix il-komunità toħroġ minnha nfisha, tiddjaloga, tagħti xhieda u twettaq il-missjoni li Ġesù fdalha f'idejha.

Iżda l-preżenza ta' Ġesù rxuxtat u n-nifs tal-Ispirtu s-Santu tawha ħajja, saħħa u enerġija liema bħalha. Ilsna qishom tan-nar tqassmu fuq kull wieħed minnhom, riħ qawwi xeħethom 'il barra u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont mal-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu. Fost dawk li semgħuhom, seħħet b'mod tal-għaġeb l-għaqda tal-ilsna li kienet intilfet f'Babel (Ġen 11, 1-9): "Aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla".

Dak li ġara fil-fatt kien li dakinhar grupp żgħir ta' nies kienu ġarrbu u ħassew fihom is-salvazzjoni, il-ħelsien, il-ferħ li ma jitfissirx bil-kliem, il-qawwa u l-ħajja ġdida li ġabilna Ġesù. Ġesù kien daħal f'ħajjithom, għamilhom tiegħu. Ġesù kien fihom, qrib tagħhom, wisq aktar minn meta kienu jarawh b'għajnejhom. Il-ġemgħa tad-dixxipli ta' Ġesù kienet saret il-Ġisem ġdid tiegħu: "Ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed" (1 Kor 12, 13).

Bejniethom ilkoll kien hemm ħajja waħda, il-ħajja ġdida ta' Ġesù Rxoxt: "Hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor" (Rum 12, 5). B'differenza minn għaqdiet oħra tal-bnedmin, il-membri tal-Komunita' Nsranija jaqsmu bejniethom, mhux biss il-ħidmiet u l-iskopijiet tagħhom, iżda l-istess Spirtu: il-ħajja tagħhom stess u saħansitra l-ġid li l-Mulej jipprovdilhom. Jaqblu jew ma jaqblux fil-fehmiet, fin-nisel, fir-razza, jew fil-pajjiż, huma jibqgħu dejjem ġisem wieħed u membri ta' xulxin: "Il-membri kollha jaħsbu f'xulxin, jekk membru jbati jbatu lkoll miegħu, jekk membru jifraħ jifirħu lkoll miegħu" (1 Kor 12, 26).

Permezz tal-Komunità Nisranija, dak li Ġesù kien jagħmel meta kien fostna f'post u fi żmien wieħed, issa jibqa' jagħmlu fost il-ġnus kollha sal-aħħar tad-dinja. Permezz tal-Knisja Ġesù jibqa' jgħix fil-pajjiżi kollha, fl-ambjenti kollha u fiż-żminijiet kollha, jitkellem u jgħallem, jaħdem, ifejjaq, ibati, ixerred is-Saltna ta' Alla fost il-bnedmin ta' kull post.

San Luqa, fil-ġrajja tat-Tħabbira tal-Mulej, jgħidilna li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, il-Kelma ta' Alla ħadet il-ġisem u saret bniedem f'Marija. Fil-ġrajja ta' Pentekoste fl-Atti tal-Appostli, jgħidilna li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu wkoll, il-Kelma ta' Alla, Ġesù Kristu, tibqa' tieħu sura dejjem akatr konkreta u ħajja, fil-ħajja ta' dawk li jiffurmaw il-Ġisem ġdid tiegħu. Din hija l-Knisja ta' Ġesù Kristu.

***Fr Lino***

# Djarju - Mejju 2015

**Il-Ġimgħa 1** Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem u l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ikun tajjeb ħafna li llum nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Ġesù Ewkaristija jkun espost għall-qima tagħna bejn id-9.00a.m. u 12.00p.m. u bejn l-4.00p.m. u s-6.00p.m. Bejn il-4.45pm u s-5.45pm ikollna adorazzjoni mmexxija mill-Grupp tal-Ħniena Divina li tispiċċa bil-Barka Sagramentali.

**Il-Ħadd 3** Il-5 Ħadd tal-Għid tas-Sena B: Biex ifisser il-għaqda kbira bejnu u bejn dawk li jemmnu fih, Ġesù jġib it-tixbiha tad-dielja u l-friegħi. Nistgħu ngħixu u nagħmlu l-frott sakemm nibqgħu magħqudin ma' Ġesù.

**It-Tlieta 5** Illum niċċelebraw l-10 anniversarju tat-twaqqif tal-parroċċa. Fis-6.30p.m. ikollna Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla mmexxija minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna.

**L-Erbgħa 6** Inkomplu niċċelebraw l-10 anniversarju tat-twaqqif tal-parroċċa. Fis-6.00p.m. ikollna Quddiesa u ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bis-sehem tal-adolexxenti tal-parroċċa.

**Il-Ħamis 7** Inkomplu niċċelebraw l-10 anniversarju tat-twaqqif tal-parroċċa. Fit-8.30a.m. ikollna Quddiesa għall-anzjani kollha. Waqt il-Quddiesa ssir id-Dilka tal-Morda.

**Il-Ġimgħa 8** Jum it-twaqqif tal-parroċċa. Fis-6.00p.m. ikollna Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla bis-sehem tal-gruppi kollha tal-parroċċa.

**Is-Sibt 9** Festa ta' San Ġorġ Preca. Ikun tajjeb ħafna li llum nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

**Il-Ħadd 10** Is-6 Ħadd tal-Għid tas-Sena B: Alla huwa mħabba. Din l-imħabba tal-Missier dehret fil-milja tagħha fil-persuna u l-ħidma ta' Ġesù, li ħabbna għall-aħħar billi ta ħajtu għalina u għarrafna kulma sema' mingħand il-Missier. Illum niċċelebraw ukoll Jum l-Omm.

**Il-Ħamis 14** Wara l-Quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta'adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Il-Ħadd 17** Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema: Id-dixxipli jaraw lil Ġesù għall-aħħar darba. Ma jidhrilhomx biex ifarraġhom, iżda biex jafda f'idejhom il-ħidma li jwasslu l-Bxara t-Tajba lill-bnedmin kollha. Fit-7.45p.m. ikollna Quddiesa u talb b'riparazzjoni għall-offiżi li jirċievi Alla.

**Il-Ħamis 21** Wara l-Quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta'adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Il-Ħadd 24** Solennità ta' Għid il-Ħamsin: Ġesù nefaħ fuq id-dixxipli u qalilhom, "Ħudu l-Ispirtu s-Santu". Ġesù jagħtihom l-Ispirtu tiegħu u jagħmilhom ħolqien ġdid. L-istess jiġri minn kulmin iħobb tassew lil Ġesù u jimxi warajh.

**Il-Ħamis 28** Wara l-Quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta'adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Il-Ħadd 31** Solennità tat-Trinità Qaddisa. Aħna nemmnu f'Alla li huwa Missier, Iben u Spirtu s-Santu; tlett persuni distinti imma Alla wieħed. Fil-Quddiesa tal-10.00a.m. niċċelebraw l-Ewwel Tqarbina ta' 30 tifel u tifla mill-parroċċa tagħna.



## Niċċelebraw l-10 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Parroċċa 8 ta' Mejju 2005 — 8 ta' Mejju 2015

**It-Tlieta 5 ta' Mejju:** Fis-6.30p.m. ikollna Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla mmexxija minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna. Kulħadd huwa mistieden.

**L-Erbgħa 6 ta' Mejju: F**is-6.00p.m. ikollna Quddiesa u ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bis-sehem tal-adolexxenti tal-parroċċa.

**Il-Ħamis 7 ta' Mejju:** Fit-8.30a.m. ikollna Quddiesa għall-anzjani kollha. Waqt il-Quddiesa ssir id-Dilka tal-Morda.

**Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju:** Jum it-twaqqif tal-parroċċa. Fis-6.00p.m. ikollna Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla bis-sehem tal-gruppi kollha tal-parroċċa.




Żur il-website tal-parroċċa tagħna

**www.santamarijabirkirkara.com**

Issib ħafna informazzjoni utli u importanti.